# Il-Ħadd 30.10.2022

1. Matul il-lejl ta’ bejn is-Sibt u l-Ħadd (29-30/10) naqilbu s-siegħa għall-ħin tax-xitwa: immexxu l-arloġġi siegħa lura.

2. Il-Ħadd 30/10, ***Jum il-Griżma tal-Isqof***:
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma.
     *Nifirħu lil dawk li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof:*
     *15 subien u 11 bniet.*
     *Infakkar li jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*

3. It-Tlieta 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha.**

4. L-Erbgħa 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:
   - Filgħodu, il-quddies ikun f’dawn il-ħinijiet: Fis-6:45am u fit-7:30am.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b’mod partikulari f’ħutna li mietu tul din is-sena.
   - Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ kuljum mit-8:00am sal-4:00pm.
     Inħeġġu biex iż-żjajjar tagħna fiċ-Ċimiterju jkunu fuq kollox mument ta’ talb.
     U importanti wkoll li jinżamm is-skiet u l-indafa meħtieġa.

5. Il-Ħamis 3/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b’suffraġju għall-Kappillani u għas-Saċerdoti mejtin.
   - Fis-7.15pm – Ikun hemm il-laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali

6. Il-Ġimgħa 4/11, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:-
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b’suffraġju għall-Fratelli u Sorelle Mejtin tas-Sagrament u tar-Rużarju.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni li tagħlaq bil-barka Sagramentali.

7. Il-Ħadd 6/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm fil-knisja parrokkjali.*
     - Qed tinġabar il-kontribuzzjoni ta’ € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta maċ-ċimiterju: l-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, u l-manutenzjoni ġenerali.
     - Infakkar li nfetaħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2023 b’suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Min jixtieq jagħmel dan għandu jiġu l-uffiċċju Parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - €1435 bħala ġabra speċjali tal-Quddies tal-Ħadd li għadda b’risq il-Missjonijiet u ġbir bl-envelopes
   - € 350 mill-bejgħ tal-kotba
   - € 488 mil-lotterija tal-hamper u l-bejgħ ta’ pjanti;